DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Marzu 2008

dwar il-kontribut finanzjarju tal-Komunità għal programm għall-kontroll ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti u prodotti għall-pjanti fid-dipartimenti Franċiżi lil hinn mix-xtut għall-2008

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 925)

(It-test bil-Franċiż biss hu awtentiku)

(2008/221/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod ta' l-Unjoni [1] u b'mod partikolari l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 17(3),

Billi:

(1) Il-kundizzjonijiet ta' tkabbir fid-dipartimenti Franċiżi lil hinn mix-xtut jeħtieġu miżuri speċjali fir-rigward tal-produzzjoni tal-ħxejjex. Dawk il-miżuri jinkludu miżuri għaljin għas-saħħa tal-pjanti.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/609/KE ta' l-10 ta' Settembru 2007 dwar it-tifsira tal-miżuri eliġibbli għall-finanzjament tal-Komunità fil-programmi għall-kontroll ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u prodotti tal-pjanti f'dipartimenti Franċiżi barra mill-pajjiż, fl-Azores u Madeira [2] tiddefinixxi l-miżuri eliġibbli għall-finanzjament Komunitarju skond il-programmi għall-kontroll ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti u l-prodotti tal-pjanti fid-dipartimenti Franċiżi lil hinn mix-xtut, l-Ażores u Madeira.

(3) L-awtoritajiet Franċiżi bagħtu programm għall-2008 li jistipula l-miżuri tas-saħħa tal-pjanti fid-dipartimenti Franċiżi lil hinn mix-xtut lill-Kummissjoni. Dan il-programm jispeċifika l-għanijiet li jridu jinkisbu, ir-riżultati mistennija, il-miżuri li jridu jitwettqu, id-dewmien tagħhom u l-ispiża tagħhom bil-ħsieb tal-possibilità ta' kontribut finanzjarju Komunitarju. Il-miżuri stipulati f'dak il-programm jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Deċiżjoni 2007/609/KE.

(4) Skond l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [3], miżuri għas-saħħa tal-pjanti għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Garanzija. Għall-fini tal-kontroll finanzjarju ta' dawk il-miżuri, l-Artikoli 9, 36 u 37 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Kontribut finanzjarju Komunitarju lil Franza għall-programm uffiċjali għall-kontroll ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti u l-prodotti tal-pjanti fid-dipartimenti Franċiżi lil hinn mix-xtut għall-2008, kif speċifikat fil-Parti A ta' l-Anness, huwa approvat.

Għandu jkun limitat għal 60 % ta' l-ispiża eliġibbli totali, kif speċifikat fil-Parti B ta' l-Anness, b'massimu ta' EUR 282 000 (eskluża l-VAT).

Artikolu 2

1. Għandhom jitħallsu EUR 100 000 bil-quddiem fi żmien 60 jum minn wara li tasal talba ta' ħlas minn Franza.

2. Il-bilanċ tal-kontribut finanzjarju għandu jitħallas sakemm ikun intbagħat rapport finali ta' implimentazzjoni dwar il-programm lill-Kummissjoni f'forma elettronika sa mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu 2009.

Dan ir-rapport għandu jkun fih:

(a) valutazzjoni teknika konċiża tal-programm sħiħ, inkluż il-grad ta' kisba ta' l-għanijiet fiżiċi u kwalittattivi u tal-progress miksub, u stima ta' l-impatt immedjat fitosanitarju u ekonomiku, u

[1] ĠU L 42, 14.2.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1276/2007 (ĠU L 284, 30.10.2007, p. 11).

[2] ĠU L 242, 15.9.2007, p. 20.

[3] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1437/2007 (ĠU L 322, 7.12.2007, p. 1).

(b) dikjarazzjoni ta' l-ispiża finanzjarja li tindika n-nefqa propja mqassma skond is-sotto-programm u l-miżura.

3. Fir-rigward tat-tqassim indikattiv tal-baġit speċifikat fil-Parti B ta' l-Anness, Franza tista' taġġusta l-finanzjament bejn il-miżuri differenti fl-istess sotto-programm f'limitu ta' 15 % tal-kontribut Komunitarju għal dan is-sotto-programm, sakemm l-ammont totali ta' l-ispejjeż eliġibbli skedati fil-programm ma jinqabżux u li b'hekk l-għanijiet ewlenin tal-programm ma jiġux kompromessi.

Hija għandha tgħarraf lill-Kummissjoni bi kwalunkwe aġġustament li jsir.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmula fi Brussell, 12 ta' Marzu 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

PROGRAMM U TQASSIM INDIKATTIV TAL-BAĠIT GĦALL-2008

PARTI A

Programm

Il-programm għandu jikkonsisti f'erba' sotto-programmi:

1) sotto-programm inter-DOM:

   (a) Miżura 1.1: żvilupp ta' metodi ta' detezzjoni għal organiżmi li jagħmlu ħsara bbażati fuq reazzjoni katina ta' *polymerase* (PCR)

2) sotto-programm għad-dipartiment ta' Martinique:

   (a) Miżura 2.1: valutazzjoni tas-saħħa tal-pjanti u dijanjostiċi bl-użu tal-laboratorju reġjonali u l-unità mobbli tiegħu ("labo vert"), u kontroll integrat ta' pesti fil-koltivazzjonijiet tal-ħxejjex;

3) sotto-programm għad-dipartiment ta' Guyane:

   (a) Miżura 3.1: twaqqif ta' sistema agrikola fitosanitarja ta' twissija għall-produzzjoni tar-ross;

   (b) Miżura 3.2: tisħiħ tal-kapaċità dijanjostika bl-użu tal-laboratorju reġjonali u l-unità mobbli tiegħu ("labo vert");

4) sotto-programm għad-dipartiment ta' Guadeloupe:

   (a) Miżura 4.1: l-organizzazzjoni ta' netwerk ta' stħarriġ għall-ferminelli;

   (b) Miżura 4.2: ġestjoni tar-riskju ta' l-introduzzjoni ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara mill-attività turistika;

   (ċ) Miżura 4.3: studju dwar il-kontroll integrat possibbli tan-nemla *manoic*;

   (d) Miżura 4.4: żvilupp ta' grupp ta' kompetenza għall-kontroll ta' roduturi f'żoni rurali u urbani

PARTI B

tqassim indikattiv tal-baġit (f'ewro), b'indikazzjoni tar-riżultati varji mistennija

Sotto-programmi	Natura tar-riżultati (S: forniment ta' servizzi, R: riċerka jew xogħol ta' studju)	Spejjeż eliġibbli	Kontribut nazzjonali	Kontribut tal-KE
Sotto-programm inter-DOM:				
Miżura 1.1	PCR kwantitattiv (R)	155 000	62 000	93 000
	Sottototal	155 000	62 000	93 000
Martinique				
Miżura 2.1	Dijanjostiċi fitosanitarji fuq il-post u kontroll integrat tal-pesti fil-koltivazzjonijiet tal-ħxejjex (S)	95 000	38 000	57 000
	Sottototal	95 000	38 000	57 000
Guyane				
Miżura 3.1	Sistema fitosanitarja ta' twissija mudellizzata (R)	115 000		
Miżura 3.2	Dijanjostiċi fitosanitarji fuq il-post (S)	31 000		
	Sottototal	146 000	58 400	87 600

Sotto-programmi	Natura tar-riżultati (S: forniment ta' servizzi, R: riċerka jew xogħol ta' studju)	Spejjeż eliġibbli	Kontribut nazzjonali	Kontribut tal-KE
Guadeloupe				
Miżura 4.1	Organizzazzjoni ta' netwerk ta' stħarriġ għall-ferminelli (S)	12 000		
Miżura 4.2	Azzjonijiet ta' komunikazzjoni lill-pubbliku dwar ir-riskji ta' introduzzjoni ta' organiżmi li jagħmlu ħsara (S)	12 000		
Miżura 4.3	Studju dwar kontroll integrat possibbli ta' organiżmi li jagħmlu ħsara (R)	30 000		
Miżura 4.4	Żvilupp ta' grupp ta' kompetenza għall-kontroll ta' rodituri f'żoni rurali u urbani (R)	20 000		
	Sottototal	74 000	29 600	44 400
	Total	470 000	188 000	282 000